KLR 12/VI/2010

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Joseph Bonello mid-Dipartiment ta' l-Agrikultura ssuġġerixxa li l-Kunsill jistenna r-risposta tal-MEPA dwar it-tneħħija tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza qabel dawn jinżabru. Il-membri qablu.

1.2 Il-membri qablu li jintalab il-permess tat-Transport Malta (TM) sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II ftit l-hemm mill-monument.

1.3 Il-membri qablu li t-triq ta' wara The Duke tisemma Triq l-10 ta' Ġunju 1887, meta r-Rabat ingħata t-titolu ta' Belt mir-Reġina Victoria wara petizzjoni mir-Rabtin..

1.4 Joe Psaila ma jistax jifforma parti mis-sotto-kumitat ta' l-isport minħabba mpenji oħra.

1.5 Ir-*road hump* tan-naħħa ta' fuq fi Triq Mons. Luiġi Vella għanda titneħħa.

1.6 Il-membri qablu li tinħareġ *expression of interest* li tirrigwardja enerġija alternattiva.

1.7 Għandu jiġi rrappurtat lill-Ministeru għal Għawdex li l-bankina mhix aċċessibbli għall-*wheel chair* fi Triq Fortunato Mizzi qrib il-kantuniera ta' Triq l-Universitas minħabba li hemm kaxxa li tintuża mill-GO.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 45 ġiet imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni numru 45**

**Peress li hemm il-ħsieb li fiż-żewġ parkeġġi fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, il-Gvern Ċentrali ser jibni l-qorti maġisterjali ta' Għawdex u taħt l-istess kostruzzjoni ser jibni parkeġġ, ir-residenti ta' madwar din iż-żona qed iressqu petizzjoni ffirmata minnhom. Liema petizzjoni jien qed inressaq għal attenzjoni tal-Kunsill għan-nom tagħhom.**

**Dawn ir-residenti qed jiġbdu l-attenzjoni ta' min hu kkonċernat li:**

- **Peress li ż-żona fejn ser isir il-bini hija art taflija skond esperti li dawn ir-residenti kellmu, ġew mgħarfa li tista' ssir ħsara lir-residenzi tagħhom.**
- **Peress li fil-Belt Victoria hawn nuqqas kbir ta' parkeġġ, żewġ parkeġġi eżistenti ser jispiċċaw bil-konsegwenza li ser tiżdied il-problema tal-parkeġġ. Barra minn hekk il-parkeġġi li ser jinbnew taħt il-bini tal-qorti ser jintużaw biss minn impjegati ta' l-istess dipartiment u mill-avukati li jaħdmu l-qorti. Skond indikazzjoni li għandhom ir-residenti dawn il-parkeġġi mhux ser ikunu kbar ħafna biex jakkomodaw ammont ta' vetturi.**
- **In-negozju tal-madwar żgur li ser jintlaqat ħażin peress li dik iż-żona aktar ser tkun iffrekwentata mill-pubbliku li juża l-qorti u b'hekk jinħoloq anqas spazju għall-vetturi li jkunu jridu jaqdu l-bżonnijiet tagħhom minn dawn in-negozji. Jerġa' jekk ikun il-każ li dik iż-żona tkun trid tingħalaq miħabba sigurta' għall-bini tal-qorti, ma hemmx aċċess minn fejn wieħed jidħol għall-ħwienet f'dawn l-inħawi.**
- **Waħda mill-ftit spazji miftuħa u mdawwra bi ftit siġar li baqa' ġewwa r-Rabat ser tispiċċa darba għal dejjem.**

**Għaldaqstant ir-residenti ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier, Pjazza l-Assedju t'Għawdex u Triq Ġużeppe Labre', qed jitolbu lil-Awtoritajiet konċernati biex jibdlu l-fehma tagħhom u jsibu sit aktar addattat għall-kostruzzjoni ta' l-istess bini.**

**Permezz ta' din il-mozzjoni qed nitlob lill-Kunsill biex issir pressjoni ma' l-Awtoritajiet u tintwera l-preokupazzjoni tal-Kunsill għan-nom ta' dawn ir-residenti Rabtin.**

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-petizzjoni għandha tkun oriġinali jew vera kopja iċċertifikata. Propona wkoll li l-punti tal-mozzjoni jiġu diskussi fl-aġenda hekk kif hemm fl-item li jmiss u għaldaqstant tiġi rtirata l-mozzjoni. Tenna li hu minnu li l-mozzjoni waslet qabel l-aġenda, pero' ma kelliex għalfejn titressaq peress li fil-laqgħa tal-lokalita', hu wiegħed li din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Il-kunsillier Debrincat ma aċċettax li din il-mozzjoni tiġi rtirata.

Għaldaqstant is-Sindku talab vot u staqsa minn jaqbel u minn ma jaqbilx li għandha titressaq mozzjoni numru 45. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsilliera Schembri u Theuma ma qablux li titressaq il-mozzjoni u l-kunsilliera Portelli, Debrincat u Buttiġieġ qablu li titressaq. B'erba' voti kontra tlieta, il-mozzjoni mhix ser titressaq u l-punti mniżżla fil-mozzjoni ser jiġu diskussi fl-item li jmiss.

## 3. *Gozo and Comino Local Plan (Partial Review)*

Is-Sindku qara parti mill-Local Plan li tirrigwardja Pjazza l-Assedju t'Għawdex. Wara li tqajmet il-materja ta' l-iżvilupp ta' qorti fil-laqgħa ġenerali tal-Kunsill, is-Sindku għamel meżż li l-Perit ta' dan il-proġett is-sur Anġlu Portelli jinġab il-Kunsill sabiex jgħamel presentazzjoni tal-porġett lill-membri tal-kunsill u hekk dawn jifhmu aktar ix-xogħol li hu propost. Għaldaqstant f'dan l-istadju l-Kunsill jista' jiddiskuti l-proposta tal-*Local Plan* fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li jifhem hafna il-preokupazzjonijiet tar-residenti.

Il-membri qablu li s-sottomissjonijiet li għandhom jitressqu lill-MEPA fir-rigward il-Partial Review tal-Gozo and Comino Local Plan (2006) - Primary Government Institutions and Open Areas Policies.mill-Kunsill huma dawn:-

B'referenza għall-paġna 20/21 punt numru 7.4.2 li tirrigwardja l-*open spaces* fir-Rabat. Dwar Site B (Pjazza l-Assedju t' Għawdex), il-Kunsill mhux kontra dak li hemm imniżżel fl-emendi proposti għall-Gozo and Comino Local Plan. Il-punti huma dawn:-

i) il-bini li jsir m'għandux jieħu l-*area* kollha u m'għandux ikun għoli aktar mill-għola bini li hemm fl-*area*;
ii) waqt l-iżvilupp m'għandhomx jingħalqu t-toroq tal-madwar;
iii) trid titħalla *area* sostanzjali għall-*landscaping* li tkun aċċessibbli għall-pubbliku;
iv) jiġi studjat l-impatt tat-traffiku li jinħoloq meta jkun lest il-proġett;
v) jiġi assigurat, permezz ta' studji xjentifiċċi, li l-art tkun tiflaħ għal kull żvilupp pjanat;
vi) il-parkeġġ propost irid ikun jiflaħ għad-domanda kreata minn nies li ser ikunu jiffrekwentaw jew jagħmlu użu kwotidjonament mill-bini ċiviku li jista' jkun propost. Dan il-parkeġġ għandu jkun ukoll aċċessbili għall-pubbliku u mingħajr ħlas. Jekk ikun hemm xi parkeġġi riservati, dawn f'ammont limitat.

L-aħħar sottomissjoni tirreferi għall-paġna 35, referenza GCLP/PRA/5 fejn fil-proposta tat-22 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill kien issuġġerixxa li,"*.....the level adopted for the playing field should be lowered in order to reflect the level in the central area*." Il-Kunsill hu tal-fehma li jista' jkun li jinżammu l-livelli eżistenti bl-aċċessibilita neċessarja. In oltre jissottometti li jista' jbiddel il-livell eżistenti fejn illum hemm it-*tennis court* sabiex ikun jista' jsir *landscaping* aħjar taż-żona.

Il-kunsillier Debrincat issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir laqgħa pubblika għar-residenti taż-żona ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex fejn tingaħta spjegazzjoni tal-proġett propost. Is-Sindku qal li diġa' talab lill-Ministru għal Għawdex sabiex issejjaħ din il-laqgħa.

## 4. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2009

L-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur John Buttiġieġ, ġie mistieden jidħol fil-kamara. Ingħatat spjegazzjoni tal-*financial statements* għas-sena finanzjaraj 2009 u mbgħad ġew approvati. Dan

skond Dokument  A anness.. Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-membri illi l-mod bil-għaqal li ħadem bih il-Kunsill irriżulta fi tnaqqis tad-deficit b'kwazi żewg terzi.

**5. Estmi 2010**

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet draft ta' l-estimi għas-sena finanzjaraja 2010. Wara diskussjoni dan ġie approvt skond dokumnet B anness.

**6. Triq it-8 ta' Diċembru**

Tqajjem il-punt rigward l-inkonvenjenzi ta' l-ipparkjar illegali f'din it-triq minħabba li fiha ħafna ħwienet u bosta residenti. Xi residenti taw ukoll is-suġġerimenti tagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira il-membri qablu li jintalab il-permess lit-TM sabiex jitneħħa l-parkeġġ minn naħa waħda tat-triq fejn hemm l-aktar garaxxijiet.

**7. Jum il-Belt Victoria**

Is-Sinkdu għaraf lill-membri li l-Oratorju Don Bosco ingħata fondi mill-Unjoni Ewropeja sabiex tiġi organiżżata Careers Convention u diversi attivitajiet għaż-żgħażagħ. Din ser issir qrib Jum il-Belt Victoria. Kif sar qbil fil-laqgħa li għaddiet, Ġieħ ir-Rabat ser jingħata lill-Victoria Scout Group.

**8. Attivita' ta' nhar ta' Ġimgħa fi Pjazza Indipendenza**

Is-Sindku għarraf lill-membri li saru diversi laqgħat mas-sidien tal-ħwienet tax-xorb ta' Pjazza Indipendenza rigward l-attivita' li ser issir kull nhar ta' ġimgħa. Ġie draftjat kuntratt fejn ġie spjegat lis-sidien tal-ħwienet u dawn aċċettaw li jiffirmawħ. Sid il-ħanut 4 Seasons ma tixtieqx tidħol f'dan il-ftehim peress li diġa tħallas *live band* fil-*premises* tagħha. Hi assigurat li mhix ser tarma l-imwejjed barra meta jkun hemm l-attivita' tal-Kunsill.

**9. Attendenza tal-Kunsilliera fl-attivitajiet organiżżati mill-Kunsill**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li meta l-Kunsill jorganiżża l-attivitjiet, ikun xieraq li l-Kunsilliera jattendu bi ħġarhom għal dawn l-attivitjiet. Min ma jkunx jista' jattendi jkun apprezzat li jinforma lis-segretarjat tal-Kunsill.

**10. *Water Culvert* fi Triq Ċetta Mintoff**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward problema ta' l-ilma tax-xita li hemm bil-parti li mhix mibnija fi Triq Ċetta Mintoff. Dan minħabba l-fatt li hemm *culvert* li ġej minn quddiem Rapa Showroom fi Triq Enriko Mizzi u jiżbokka f'din il-parti ta' Triq Ċetta Mintoff. Fit-tarf tiegħu il-*culvert* hu miżdud u għaldaqstant l-ilma mhux jintlaqa' u meta tgħamel ix-xita, l-ilma jispara l-barra fit-triq. Il-membri qablu li l-Perit għandu jmur fuq il-post sabiex jidentiifka l-problema sabiex possibilment tiġi solvuta.

## 11. Korrispondenza

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:

11.1. Transport Malta (TM) fejn inħareġ permess għal:-

11.1.1 rijallokazzjoni ta' parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' fi Pjazza Indipendenza;
11.1.2 sabiex issir *traffic mirror* fi Triq il-Kunsill Ċiviku faċċata fi Triq tal-Far;
11.1.3 sabiex isiru *stop signs* fi Triq Viani;
11.1.4 sabiex isiru *slow signs* fir Triq Kunsill Ċiviku;
11.1.5 sabiex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita fi Triq Karlu Galea;
11.1.6 sabiex il-ħin ta' l-egħluq ta' Triq Karlu Galea waqt li joħorġu l–istudenti mill-iskola jsir bejn is-14.15 u t-14.45. Ir-residenti għandhom jiġu nfurmati b'dan.

Ma nħariġx permess għal:-
11.1.7 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita ta' Paul Lanzon, 'Paulsyl', Triq Fortuanto Mizzi;

Intalbu permessi għall-parkeġġ riservat għal-persuni b'diżabilita' ta':-
11.1.8 George Borġ ta' 4, Triq Għajn Qatet,
11.1.9 Agatha Vella ta' 'St, Jude', Triq Fortuanto Mizzi;

11.2 Ġuda Taddew Vella li għandu l-ħanut Fishing and Marine Centre fi Triq Fortuanto Mizzi fejn intalab permess għall-parkeġġ ta' l-*un/loading* quddiem il-ħanut. Il-Kunsill ser jitlob il-permess mit-TM;

11.3 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn intbgħatet Memo 45 li titratta l-kuntratti ġodda dwar *resurfacing* ta' toroq b'sistema ta' *Public Private Partnership*. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni fejn il-Kunsill juri x-xewqa li jrid jiksi bit-tarmac it-toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo;

11.4 George Cassar ta' 17, Triq il-Kappillan Ħili, Fontana, dwar suġġeriment għall-egħluq ta' Triq Vajrinġa u Triq Sir Arturo Mercieca waqt il-ħruġ u d-dħul tat-tfal għall-iskola Sir Arturo Mercieca;

11.5 is-Segretarju Parlamentari, Dr. Chris Said rigward Memo 32/2010 – skema ta' għajnuna lill-Kunsilli li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala Nazzjonali organiżżati mill-Gvern Ċnetrali. Il-Kunsill ingħata għajuna ta' €15,000 sabiex ikunu jistgħu jinbiddlu s-siġar ta' Pjazza Indipendenza;

11.6 Maria Farruġia minn The Duke. Il-membri qablu li:- (i) jintalab il-permess tat-TM sabiex issir *pedestrian crossing* quddiem il-Banif Bank peress li dan hu post fejn ma jitneħħewx parkeġġi, (ii) jitranġaw il-ħitan tal-*playing field* u tal-grawnd Leli Farruġia, (iii) jitħawlu xtieli ta'

l- edera (*ivy*) fit-triq ta' wara The Duke – Triq l-10 ta' Ġunju 1187, (iv) jiġi kkordinat mal-KIP il-ġbir ta' l-iskart domestiku tal-persuni li jgħixu f'dan il-kumpless u (v) jintalab il-peremss sabiex titneħħa s-siġra tal-ballut li hemm f'nofs it-triq li mill-*playing field* tieħdok għall-parkeġġ il-kbir;

11.7 is-Soċjeta' Filarmonika Leone rigward il-kunsillier Buttiġieġ. Dan wara li ġew konklużi l-proċeduri tal-qorti li fihom kien involut dan il-kunsillier u li seħħew fl-14 ta' Awwissu ta' l-2007. Is-Soċjeta' għamlita ċara li mhix disposta tibddel il-posizzjoni tagħha fil-konfront tal-kunsillier Buttiġieġ, kemm il-darba ma jkunx hemm tibdil fil-komportament tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam mas-Soċjeta' Leone u l-partitarji tagħha u dan minħabba fatt li ġara fil-Karnival. Il-kunsillier Buttiġieġ ta spjega ta' dak li ġara fejn fil-fehma tiegħu hu ma' kellux tort.

## 12. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

12.1 bħala apprezzament tal-ħin iddedikat sabiex saru l-*interviews* biex intgħażel l-iskrivan għall-uffiċċju tal-Kunsill, lill-Nancy Grech u lill-Pauline Grech għandhom jingħataw €50 kull wieħed;

12.2 jintalab il-permess tat-TM sabiex jitneħħew il-parkeġġi riservati għall-Korporazzjoni Enemalta fi Triq Sir Arturo Mercieca. Dan peress li din il-Korporazzjoni m'għadiex topera f'din it-triq;

12.3 jinxtara trofew ta' €50 sabiex jintuża fil-wirja tal-Gozo Bird Breeders Society;

12.4 bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal-Għawdex tiġi organiżżata attivita' fil-bitħa tal-Ministeru nhar it-2 ta' Awwissu 2010. Din bil-parteċipazzjni tal-Gozo Youth Wind band & Orchestra. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €100;

12.5 tiġi organiżżata l-attivita' annwali - l-Imsallab fi Triqatna. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €120;

12.6 il-Kunsill jipparteċipa fl-*earth hour* li ser tiġi organiżżata is-Sibt 27 ta' Marzu 2010, għalhekk bejn it-8.30 u d-9.30 ta' filgħaxija ser jintfew il-Banca Giuratale u l-kampnar tal-Katidral;

12.7 tintalab il-koperazzjoni tat-TM sabiex jiġu identifikati l-parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' li hemm fi Triq Repubblika. Dan peresss li diversi persuni li kellhom dan il-permess issa mietu;

12.8 jitkomplew il-*parking bays* quddiem 'Natalie Joe House' fi Triq it-8 ta' Diċembru;

12.9 li mill-fondi li ngħata mill-Wasteserv minħabba li r-residenti tar-Rabat ġabru l-akbar ammont ta' skart separat, jinxtraw aktar *litter bins* bħal dawk li għadhom kif twaħħlu fi Triq Repubblika u Triq taħt Putirjal;

12.10 jintalab lit-Taqsima tat-Toroq fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex sabiex *traffic mirror* li tinsab fi Triq Santa Dminka faċċata ta' Triq il-Mitħna titressaq lejn ir-Rabat peress li qed tostakola l-entratura għall-passaġġ għall-egħlieqi;

12.11 titneħħa rampa quddiem 16 u 17 fi Triq Pompei u ssir bankina normali. Dan peress li f'din id-dar kienet tgħix persuna li tuża s-siġġu tar-roti u issa mietet. Dan fuq talba ta' sid id-dar stess.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-preżenti li:-

12.12 minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex nbeda t-tindif tal-Wied ta' Żejta;

12.13 inġabar l-isponsor ta' €354 mingħand il-Mc Donalds li offrew għall-attivitajiet tal-Milied u l-ewwel tas-sena;

12.14 saret applikazzjoni mal-MEPA mingħand Martin Attard Montalto (PA 05196/09) sabiex isir l-*upgrade* bil-*Bus Terminus* li jinkludi bini għall-amministrazzjoni, *landscaping* u tinda. Applikazzjoni oħra hi ta' Dione Lautier (00407/10) fejn talab li ssir tinda quddiem 'Grapes' fi Pjazza San Ġorġ.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li;-

12.15 Wirt Għawdex qed jaħdmu fuq il-loġistika ta' qabel jinbeda x-xogħol fuq ir-restawr ta' l-erba' niċċeċ li l-Kunsill għandu l-permess sabiex jgħamel ir-restawr fuqhom;

12.16 fil-laqgħa tas-Sindki, il-maġġoranza għażlu lill-Green MT sabiex ikunu jistgħu jimmaniġjaw aħjar l-iskart separat f'dawn il-lokalitajiet speċifiċi;

12.17 min-naħa tal-Minsteru għal Għawdex qed isir ix-xogħol preparatorju sabiex Triq Dawwara tkun tista' tinbena mill-ġdid u fiha jsiru *water culverts* li jiżbokkaw fil-wied tal-lunzjata.

Il-laqgħa spiċċat if-20.30. Laqgħa oħra ser isisr nhar il-Erbgħa 12 ta' Mejju 2010 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzoaprdi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Seg. Eżekuttiv |